VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,079, 30 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 350 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma of Legal Procurator – H.Dip. L.P. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma of Legal Procurator – H.Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma of Legal Procurator – H.Dip. L.P.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Higher Diploma of Legal Procurator – H.Dip. L.P.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti għandhom ikollhom ir-rekwiżiti speċjali msemmija hawn taħt:

(a) għaddew f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż u fil-Malti, u għaddew fi tliet suġġetti fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti, b'wieħed minnhom bi grad Ċ jew aħjar, magħżula fis-suġġetti kif ġej: suġġett wieħed minn Grupp 2, suġġett wieħed minn Grupp 3, u suġġett ieħor (ħlief l-Ingliż u l-Malti); jew

(b) għad-dħul f'Ottubru 2020 jew wara, ikollhom grad fil-livell 6 tal-MQF fi kwalunkwe qasam ta' studju mogħti mill-Università ta' Malta jew minn kwalunkwe istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla oħra rikonoxxuta mis-Senat, u għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fil-Malti,
sakemm li jekk il-grad ikun fil-Malti, ikun meħtieġ li l-applikanti jkunu għaddew ukoll bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż.

(2) Għad-dħul f'Ottubru 2020 jew wara, l-applikanti ikkunsidrati bħala "Studenti Adulti" (applikati maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul, minbarra li jkollhom dawk il-kwalifiki jew esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt, għandhom ukoll ikunu għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivlaneti fl-Ingliż u fil-Malti. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom, ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom għaliex qegħdin japplikaw għall-Kors kif ukoll kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-istudenti għandhom jattendu mill-anqas 80% tal-programm tal-*lectures* tat-taqsima studju qabel ma jitħallew jersqu għal kwalunkwe valutazzjoni formali tat-taqsima studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq fil-Kors minn kull student għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Higher Diploma tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Higher Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.